**Fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċ)**

[redacted]

*vs*

Reġistratur tal-Kumpaniji

**Rikors ta' [redacted] (K.I [redacted]);**

Jesponi bir-rispett:

Illi r-rikorrent huwa membru tal-kumpanija XYZ Limited (C 12345) u jokkupa wkoll l-kariga ta' direttur u dan kif jirriżulta mid-dokument anness u mmarkat bħala Dok. 'A';

Illi l-esponenti irċieva ittra datata 1 ta' Frar 2021 minn [redacted] għar-Reġistratur tal-Kumpaniji, annessa u mmarkata bħala Dok.'B', fejn saret referenza għall-artikolu 325(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji fejn huwa ġie nfurmat illi isem il-kumpanija ser jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji;

Illi minkejja illi huwa oġġezzjona għat-tali tħassir permezz tad-dokument anness u mmarkat bħala Dok. 'C', liema ittra kienet spjegattiva hekk kif tniżżlu r-raġunijiet kollha għaliex l-esponenti għad għandu interess fil-kumpanija, il-kumpanija xorta waħda ġiet iddikjarata "struck off as defunct" nhar is-7 ta' Gunju 2021, kif jidher mid-dokumenti annessi u mmarkati bħala dokumenti 'D' u 'E';

Illi l-esponenti jħossu aggravat bil-fatt li l-isem tal-kumpanija XYZ Limited tħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, għar-raġunijiet li ser jiġu pruvati fil-mori tal-kawża;

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna li l-isem tal-Kumpanija XYZ Limited (C 12345) jerġa jiddaħħal fir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk hija titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar, u dan taħt dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni u dana *ai termini* tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Avv. John Borg
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

P.L. Censu Borg

Rikorrenti: [redacted]

Intimata: Reġistratur tal-Kumpanniji – AM Business Centre, Triq il-Labour, Żejtun